MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Numru 406/2008

Il-Pulizija
(Spettur Johann J Fenech)

vs

Aldo Agius

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 283668M, akkuzat talli

1. fid-19 ta’ Jannar 2008 ghall-habta tas-01:15 a.m. minn gol-Kazin tal-Banda Santa Katerina fiz-Zurrieq ikkommetta serq ta’ flus li l-valur taghhom ma jeccediex il-233 Euro ghad-detriment ta’ Josephine Grixti liema serq hu aggravat bil-hin:
2. fl-istess data f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn

Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ghalkemm l-akkuza ssemmi zewg reati ossija s-serq u r-ricettazzjoni, reati li huma ghad-eskluzjoni ta' xulxin, jirrizulta mill-atti li l-kaz kien jirrigwarda s-serq.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat qeghdha ssibu hati tal-ewwel akkuza, ossija dik li ssemmi s-serq u tat-tielet ossija r-recidiva.

Rat il-fedina penali.

Rat l-artikoli 261(f), 270, 281, 49 u 50 tal-Kap 9.

Tikkundannah seba' xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------